Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-19 ta' Frar 2024**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Versus**

**Alvin Vella**
**(339179M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Alvin Vella,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 339179M.

Akkuzat talli nhar it-18 ta' Frar, 2023 ghall-habta ta' 19:15hrs gewwa Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt Valletta:

1. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338(dd), Kap.9);

2. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Spettur Gabriel Micallef inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95, Kap. 9).

3. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Gabriel Micallef, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti (Art. 96, Kap. 9);

4. M'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' Spettur Gabriel Micallef, inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi (Art. 338(ee), Kap. 9).

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-partijiet iddikjaraw bi qbil illi akkuza numru 3 fil-fatt ma tirrizultax. Illi wkoll l-imputat skuza ruhu ma' l-iSpettur Gabriel Micallef u tenn li ddispjacih ghall-akkadut.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti**, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-akkuza numru tlieta' (3)** migjuba fil-konfront ta' l-imputat, u wara li rat Artikolu 7, 95 u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, qed issib lill-**imputat hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza** u tikkundannah ghal **hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€800.00)**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**